# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 741/01**

**Numru 28**

**Wands Limited**

**vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba t'elef, hames mija u wiehed u disghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4,591.75) rappresentanti l-bilanc fuq bejgh lis-socjeta' konvenuta ta' xorb u prodotti ohra tad-ditta attrici.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar konsenja, kontra d-ditta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehitrx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,591.75,0 bl-imghax legali mill-17 ta' Awissu 2001, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur